

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “L-implimentazzjoni tal-politika Ewropea tal-Viċinat u b’mod partikulari l-inizzjattiva tas-sħubija tal-Lvant: il-modernizzazzjoni, ir-riformi u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Repubblika tal-Moldova”

(2011/C 15/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jilqa’ bi pjaċir it-tnedija ta’ programm ta’ riformi ambizzjużi bil-għan li jiġu kkonsolidati d-demokrazzija, l-ekonomija tas-suq u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, il-bidu tan-negozzjati għal ftehim ta’ assoċjazzjoni ġdida u l-ftuħ tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tas-sistema tal-viżas;
- jinnota li jkun jagħmel sens li s-sehem tal-KtR jitwessa’ għaż-żewġ pjattaformi l-oħra peress li dawn ikopru attivitajiet li jinvolvu direttament lill-awtoritajiet lokali u reġjonali (speċjalment il-Pjattaforma 2 - integrazzjoni ekonomika u konverġenza mal-politiki tal-UE);
- jirrakkomanda li jiġu kkonsultati u involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fin-negozzjati tal-ftehim ta’ assoċjazzjoni l-ġdida, fl-iżvilupp ta’ programmi pilota għall-iżvilupp reġjonali, u fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta’ żvilupp reġjonali. Għalhekk il-KtR jixtieq ukoll li jkollu rwol kostruttiv fin-negozzjati u l-konklużjoni ta’ protokoll ta’ ftehim bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali u l-Ministeru għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali;
- jinnota li t-tisħiħ tal-awtonomija finanzjarja tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ser tkun kruċjali għall-ġestjoni tal-fondi Ewropej fil-ġejjieni, kif ukoll biex tiżdied il-kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali;
- jenfasizza l-importanza ta’ skambju kontinwu ta’ esperjenzi billi l-ftehimiet ta’ ġemellaġġi bejn istituzzjonijiet jew komunitajiet, it-tagħlim, iż-żjarat ta’ studju u s-sehem tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Moldovjani fil-korpi reġjonali tal-UE (bħala membri jew osservaturi) jsiru prattiċi standard.

Relatur: Is-Sur Alin Adrian Nica (RO/ALDE), Sindku ta' Dudeștii Noi

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jinnota li wara l-elezzjonijiet parlamentari bikrija li nżammu f'Lulju 2009 u l-bidla fil-gvern, ir-Repubblika tal-Moldova nediet programm ta' riformi ambizzjużi bil-għan li jiġu kkonsolidati d-demokrazija, l-ekonomija tas-suq u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, u b'mod indirett, sabiex tqarreb il-pajjiż mal-UE. Is-sitwazzjoni politika ġdida u l-viżjoni li għandu l-gvern tar-Repubblika tal-Moldova dwar il-proċess tar-riforma bil-għan li jkun hemm allinjament mal-istandards Ewropej jiftħu opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE u tal-Moldova;

2. jilqa' l-ftuħ f'Jannar 2010 tan-negozjati relatati mal-ftehim ġdid ta' assoċjazzjoni, li ser jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Moldova u jjarreb iż-żewġ partijiet. Il-ftehim il-ġdid ser ikun aktar ambizzjuż u ser imur lil hinn mill-limiti tal-kooperazzjoni tradizzjonali bejn l-UE u l-Moldova. Ser jikkontribwixxi għall-progress fid-djalogu politiku, għall-iżvilupp ekonomiku u għaż-żjeda tal-benesseri taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni ser jinkludi l-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles komplut u profund, li ser twassal għall-integrazzjoni ekonomika tal-Moldova fis-suq tal-UE, permezz tal-intensifikar tar-relazzjonijiet kummerċjali u tal-investimenti, li min-naħa tiegħu ser jenfasizza l-kooperazzjoni bejn l-atturi ekonomiċi tal-livelli lokali u reġjonali;

3. jilqa' l-ftuħ tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tas-sistema tal-viżas, li, fuq perijodu fit-tul, tfisser il-possibbiltà li ċ-ċittadini tal-Moldova jkunu jistgħu jivvjaġġaw mingħajr viża fiż-żona Schengen. Fl-istess waqt, iqis partikularment utli l-iffirmar tal-ftehim dwar it-traffiku minimu transkonfinali bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Moldova, li daħal fis-seħħ f'Marzu 2010, li jippermetti liċ-ċittadini tal-Moldova li jgħixu sa 50 km mill-fruntiera Moldovana-Rumena biex jivvjaġġaw l-istess distanza għewwa r-Rumanija. Jemmen li dan ser jgħin biex jiżdedu l-kuntatti interpersonali kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn l-amministrattorijiet lokali matul il-fruntiera esterna tal-UE mal-Moldova. Dan huwa pass importanti biex jingħelbu l-ostakli amministrattivi għall-iżvilupp tas-sħubijiet transkonfinali;

4. jilqa' b'mod favorevoli l-ftuħ tal-programm "Rethink Moldova", imniedi fl-24 ta' Marzu fi Brussell, li jippreżenta viżjoni strateġika għar-riforma tal-oqsma prinċipali tar-Repubblika tal-Moldova u jstabbilixxi prijoritajiet ta' żvilupp fuq il-perijodu medju (2011–2013) fuq il-bażi ta' tliet pilastri: il-governanza responsabbli, l-irkupru u l-iżvilupp ekonomiku, u l-investment fil-kapital uman;

5. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea stiednet lill-Kumitat tar-Reġjuni biex jipparteċipa fl-attivitatijiet organizzati fil-kuntest tal-

Pjattaformi 1 (demokrazija, governanza tajba u stabbiltà) u 4 (kuntatti interpersonali). Madankollu, ikun għaqli li dawn il-kon-sultazzjonijiet jiġu estiżi għaż-żewġ pjattaformi l-oħra peress li dawn jinkludu attivitatijiet li jeħtieġu l-parteeipazzjoni diretta tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Bħala eżempju sinjifikanti tista' tissemma l-kooperazzjoni mal-Moldova fil-qasam tal-politika reġjonali, ibbażata fuq l-aħjar prattiki tal-politika ta' koeżjoni tal-UE (Pjattaforma 2: integrazzjoni ekonomika u konverġenza mal-politiki settorjali tal-UE);

6. jixtieq li din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tikkontrib-wixxi fil-promozzjoni tad-demokrazija lokali u reġjonali fir-Repubblika tal-Moldova u tagħti impetu ġdid lill-isforzi konkreti li jsiru fil-kuntest tal-inizjattivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u, speċjalment, f'tas-Sħubija tal-Lvant. Din l-opinjoni essenzjalment tiffoka fuq il-possibbiltajiet li jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi komuni billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE u tal-Moldova;

7. josserva li, meta mqabbla mal-awtoritajiet lokali u reġjo-nali f'pajjiżi membri oħra tas-Sħubija tal-Lvant, daww tar-Repubblika tal-Moldova jgawdu minn vantaġġi kompetittivi fir-relazzjoni tagħhom mal-UE, minħabba l-prossimità tal-pajjiż għall-Unjoni, id-daqs tat-territorju nazzjonali u l-attitudni miftuħa tal-gvern ċentrali fir-rigward tal-kooperazzjoni territor-jali Ewropea. B'konformità mat-tradizzjonijiet stabbiliti matul l-implimentazzjoni tal-istrumenti differenti tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (pereżempju l-programm ta' kooperazzjoni transkon-finali Moldova-Rumanija-Ukraina 2007–2013) u minħabba d-daqs limitat tal-pajjiż, it-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha tagħha huma eliġibbli biex jimplementaw proġetti ffinanzjati fil-kuntest tas-sħubijiet transkonfinali. Naturalment, fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant, dawn it-tradizzjonijiet ġew estiżi biex jinkludu inizjati-ivi li għandhom l-għan li jiksbu l-koeżjoni territorjali matul il-fruntieri esterni kollha tal-UE;

8. jilqa' b'sodisfazzjon li d-deċentralizzazzjoni tal-poter u l-awtonomija lokali jiffurmaw waħda mill-ħames prijoritajiet strateġiċi tal-Programm ta' Ħidma tal-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova għall-2009–2013 intitulat "Integrazzjoni Ewropea: libertà, demokrazija, benessere". Jesprimi x-xewqa li d-decentra-lizzazzjoni tirrappreżenta għażla politika irreversibbli fil-programm ta' riformi interni tar-Repubblika tal-Moldova;

9. iqis importanti li l-elezzjonijiet ġenerali lokali previsti għas-sajf 2011 jiġu organizzati skont il-prinċipji Ewropej tad-demokrazija lokali, b'tali mod li jkun hemm titjib progressiv, u li jista' jitkejjel, tal-prestazzjoni tal-gvern u tal-awtoritajiet elett-orali, meta mqabbel mal-elezzjonijiet lokali tal-2007, meqjusin mill-komunità internazzjonali bħala ħielsa iżda mhux eżenti minn irregolaritajiet;

Il-proċess deċiżjonali u l-prijoritajiet prinċipali fil-livell lokali u reġjonali

10. jieħu nota tal-fatt li l-gvern tar-Repubblika tal-Moldova huwa impenjat f'proċess vast ta' studju dwar il-ħtieġa għal modernizzazzjoni u riforma fl-awtonomija lokali u reġjonali. L-għan huwa li titħaddem deċentralizzazzjoni amministrattiva u fiskali ġenwina, jiġu perfezzjonati l-politiki dwar il-bilanċ finanzjarju u l-allokazzjoni tar-riżorsi fil-livell lokali u reġjonali, tiġi estiża l-bażi fiskali tal-amministrazzjonijiet lokali, jitħeġġu s-shubbijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi u jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell sottonazzjonali;

11. fid-dawl tal-iżviluppi reċenti rigward l-UE, jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jintervjenu fil-proċess ta' negozjati tal-ftehim ġdid ta' assoċjazzjoni bejn il-Moldova u l-UE, għall-inqas permezz ta' rwol konsultattiv u fil-kuntest ta' parteċipazzjoni istituzzjonalizzata. Din il-konsultazzjoni tista' tieħu l-forma ta' djalogu mhux ġerarkiku, strutturat u permanenti mal-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, matul in-negozjati dwar kull kapitolu tal-ftehim futur ta' assoċjazzjoni li jipprevedi l-involvement dirett tal-livell lokali tal-amministrazzjoni pubblika (kapitoli: riforma interna; turiżmu; agrikoltura u żvilupp rurali; edukazzjoni, taġlim u żgħożija; kooperazzjoni transkonfinali u reġjonali; tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, eċċ.). Għalissa, fuq il-lista tal-istituzzjonijiet li jipparteċipaw fin-negozjati, fl-organigramma mħejjija bi qbil komuni mill-partijiet, la hemm l-awtoritajiet lokali u reġjonali u lanqas l-assoċjazzjonijiet li jiggruppawhom;

12. jilqa' l-fatt li fl-20 ta' Mejju 2010 nħoloq il-kumitat parlamentari speċjali sabiex jimmodifika u jikkompleta l-qafas ġuridiku relatat mal-proċess ta' deċentralizzazzjoni u ta' tisħiħ tal-awtonomija lokali, bil-mandat speċifiku li jiggarantixxi l-kontinwità tal-miżuri li għandhom l-għan li jassiguraw l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji konstituzzjonali tal-awtonomija lokali u tad-deċentralizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, b'konformità stretta mal-Karta Ewropea tal-Awtonomija Lokali. Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli l-intenzjoni ta' dan il-kumitat li jipproċedi għal evalwazzjoni kompleta tal-qafas ġuridiku li tkopri l-aspetti kollha tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, pass li jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċentralizzazzjoni, inkluż fil-livell settorjali, fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-ambjent, l-ordni pubblika, eċċ. Jesprimi x-xewqa li l-miżuri ta' riforma li għandhom l-għan li jsaħħu l-awtonomija lokali jiġu implimentati fi żmien adegwat b'tali mod li l-mekkaniżmi kollha tal-implimentazzjoni jiffunzjonaw għall-elezzjonijiet lokali ġenerali tas-sajf 2011;

13. iqis indispensabbli li sabiex jinkiseb kunsens bejn l-atturi involuti kollha rigward id-direzzjoni li għandha tittieħed, dalwaqt għandu jinżamm djalogu miftuħ u sistematiku mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jilqa' l-isforzi li saru reċentement sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħaqdu fi ħdan assoċjazzjoni nazzjonali waħda mingħajr tikketta politika, bil-għan li tirrappreżenta l-komunitajiet lokali fir-relazzjonijiet tagħhom mal-poteri ċentralizzati. Il-Kumitat jistieden lill-awtoritajiet tal-Moldova jistudjaw il-possibbiltà li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw id-dritt ta' inizjattiva legiſlattiva. Jirrakkomanda li l-amministrazzjoni

pubblika ċentrali tqabbel l-isforzi tagħha ta' riforma ma' dawg tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u dan ikun żmien opportun biex jiġu deċiżi liema kompetenzi għandhom jibqgħu f'idejn il-gvern ċentrali u liema oħrajn – akkumpanjati mill-fondi neċessarji – jistgħu jiġu delegati, jew, jekk jeżistu l-kapaċitajiet amministrattivi, jiġu trasferiti f'idejn l-awtoritajiet territorjali;

14. jinnota li n-nuqqas ta' Prattika sistematika u solida tal-ġestjoni awtonoma tal-finanzi lokali tagħhom stess, b'mod inevitabbli jnaqqas il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jieħu r-responsabbiltà kollha għall-ġestjoni tal-fondi Ewropej, li teħtieġ kapaċitajiet amministrattivi u ta' ppjanar strateġiku adegwati kif ukoll biżżejjed fondi sabiex jiġi kopert l-ammont tal-kontribut finanzjarju lokali. Il-Kumitat jindika li fir-rigward tar-rwol dejjem aktar importanti tal-programmi immirati għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi ġriren tal-UE, it-tisħiħ tal-awtonomija finanzjarja tal-awtoritajiet pubbliċi lokali jirrappreżenta element kruċjali tal-proċess ta' identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet possibbli għall-problemi komuni permezz tal-kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Moldova;

15. jistenna b'interess l-implimentazzjoni ta' sistema trasparenti, ġusta u kredibbli tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi lokali, li tkun ikkaratterizzata mill-elementi li ġejjin: it-tneħħija ta' Prattiki riġidi u klijenteliżmu li jappoġġjaw sistema żbilanċjata tat-tqassim diskrezzjonali tar-riżorsi baġitarji bejn il-komunitajiet lokali; it-tneħħija tal-possibbiltà li tiġi influwenzata l-istruttura tad-dħul akkumulat mil-livelli amministrattivi l-oħra; it-tisħiħ tal-indipendenza tal-proċess baġitarju lokali waqt li jiġu assigurati sorsi adegwati ta' dħul għal dan il-livell ta' governanza u jkun permess li jinġabru tat-taxxi proprji, miżuri li jippermettu l-ġestjoni awtonoma tar-riżorsi proprji u, b'konsegwenza, li jiġu implimentati politiki ta' żvilupp ekonomiku lokali; il-garanzija tat-twettiq tal-kompetenzi delegati lill-awtoritajiet lokali mill-Istat billi dawn jingħataw il-mezzi finanzjarji adegwati; il-bidla tal-proċeduri ta' bilanċ finanzjarju fi strumenti awtentiċi li jappoġġjaw il-komunitajiet żvantaġġjati; l-allokazzjoni trasparenti tar-riżorsi, li tippermetti ġestjoni finanzjarja prevedibbli mill-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha; il-protezzjoni tal-awtonomija finanzjarja lokali kontra l-indhul mill-poteri pubbliċi fl-livelli oħrajn;

16. josserva li n-nuqqas ta' delimitazzjoni ċara tal-kompetenzi rispettivi tal-poteri pubbliċi lokali u ċentrali qed iżomm lura milli l-proċess ta' deċentralizzazzjoni jmur 'il quddiem u li t-trikkib tar-responsabbiltajiet tal-livelli differenti ta' amministrazzjoni pubblika qiegħed ikollu effetti negattivi fuq il-kwalità tas-servizzi pubbliċi. Il-Kumitat jispera li r-riformi f'dan il-qasam ser jiggarantixxu li r-riżorsi jkunu proporzjonali għall-kompetenzi attribwiti. Jenfasizza li d-delegazzjoni tal-kompetenzi lill-poteri pubbliċi lokali tista' sseħħ biss f'qafas ta' ugwaljanza bejn il-partijiet, b'kopertura sħiħa tal-ispejjeż u l-protezzjoni ġuridika tal-awtonomija lokali. Il-KtR iqis li l-kontroll amministrattiv tat-twettiq tal-kompetenzi delegati mill-Istat lill-awtoritajiet lokali ma jstax isir sorveljanza tal-awtoritajiet lokali mill-gvern ċentrali;

Il-kooperazzjoni transkonfinali u reġjonali

17. jaqsam il-fehma li r-Repubblika tal-Moldova għandha ssegwi b'attenzjoni d-diskussjonijiet reċenti dwar il-politika Ewropea tal-iżvilupp spazjali, li nħolqot mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li b'mod espliċitu tirreferi għal kunċett ġdid ta' koeżjoni territorjali. Huwa probabbli li wara l-2013 din il-politika, li tirrappreżenta simbjoċi bejn il-politiki territorjali u l-politika ta' koeżjoni tal-UE, ser ikollha impatt konkret fuq il-pajjiżi msieħba u ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni extrareġjonali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

18. jinnota b'sodisfazzjon li reċentement, ir-Repubblika tal-Moldova ffinalizzat il-proċess tagħha biex toħloq qafas ġuridiku u istituzzjonali għall-iżvilupp reġjonali, simili għal dak li jeżisti fl-Istati Membri tal-UE. Il-Kumitat ifaħħar il-ħolqien tar-reġjuni ta' żvilupp, unitajiet territorjali funzjonali li jirrappreżentaw il-qafas għall-ippjanar, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp reġjonali li tagħmel parti min-Nomenklaturi tal-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika tal-UE (NUTS). Jilqa' t-twaqqif tal-Kunsill Nazzjonali għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Reġjonali, li kull sena jirċievu 1 % tal-baġit tal-Istat (madwar EUR 8 miljun fl-2010). Jenfasizza wkoll l-importanza li s-sorsi ta' finanzjament mill-fondi jitqassmu fuq il-bażi ta' mekkaniżmu trasparenti u sostenibbli għall-finanzjament tal-iżvilupp reġjonali;

19. jistenna b'interess sabiex jara liema rwol ser jaqdu l-Aġenziji għall-Iżvilupp Reġjonali li nħolqu reċentement fir-reġjuni ta' żvilupp sabiex jikkoordinaw l-isforzi ta' żvilupp fir-reġjuni u jimplimentaw il-proġetti ta' żvilupp reġjonali immirati għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fil-livell reġjonali. Il-KtR jirakkomanda t-tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi tal-kunsilli reġjonali għall-iżvilupp, li twaqqfu fuq il-bażi tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn, fuq naħa, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u, fuq in-naħa l-oħra, ir-rappreżentanti tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili, u jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti bis-sħiħ fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp reġjonali;

20. peress li l-Moldova diġà għandha l-mekkaniżmu u l-qafas istituzzjonali neċessarji għall-iżvilupp reġjonali, kompatibbli mal-istandards Ewropej, jirakkomanda li jiġu żviluppati programmi pilota għall-iżvilupp reġjonali, strutturati fuq l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-enerġija u t-transport, inkluż il-ferrovija, ma' dawk tal-UE, fuq il-bżonnijiet lokali fl-infrastruttura, fuq il-kapital uman u fuq l-SMEs, imfissra skont il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-KtR jinsisti fuq il-fatt li jkun ta' benefiċċju għal dawn il-proġetti li jkunu indirizzati bi prijorità għaż-żoni żvantaġġjati u għar-reġjuni li jsofru l-aktar min-nuqqas ta' żvilupp u ta' tkabbir ekonomiku;

21. peress li l-istituzzjonijiet tal-iżvilupp reġjonali qegħdin jaħdmu b'mod sħiħ, jirakkomanda li parti mill-ammont tal-fondi għall-iżvilupp rurali li ser jiġu pprovduti mill-UE lir-Repubblika tal-Moldova fl-2010 tiġi allokata lill-Fond Nazzjonali tal-Iżvilupp Reġjonali;

22. iqis li l-inizjattivi ta' kooperazzjoni transkonfinali jikkostitwixxu sors importanti ta' finanzjament għall-proġetti ta' żvilupp reġjonali, kemm fil-qafas ta' strumenti tal-Politika Ewropea ta' Viċinat (Programm ta' Kooperazzjoni Transkonfinali Moldova-Rumanija-Ukraina 2007–2013, Programm Operazzjonali Komuni tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed 2007–2013) kif ukoll fil-qafas tal-kooperazzjoni fost l-ewroreġjuni, li fihom tipparteċipa l-Moldova: id-Danubju t'Isfel (Rumanija-Moldova-Ukraina), Siret-Prout-Dniestr (Rumanija-Moldova), Prout ta' Fuq (Rumanija-Moldova-Ukraina). Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja, reċentement ittieħdet inizjattiva għall-ħolqien tal-ewroreġjun ta' Dniestr (Moldova-Ukraina), biex jinkludi wkoll l-awtoritajiet lokali fuq ix-xellug tax-xmara Dniestr, jiġifieri territorji li mhumiex ikkontrollati minn Chişinău. Bi fteit eċċezzjonijiet, il-konfini tar-reġjuni ta' żvilupp fiċ-Ċentru, Tramuntana u Nofsinhar jikkorrispondu għall-fruntieri tal-unitajiet amministrattivi territorjali tar-Repubblika tal-Moldova li jaġhmlu parti mit-tliet ewroreġjuni. Il-problemi li għandhom jingħataw attenzjoni partikulari mil-lat tas-shubbijiet transkonfinali huma dawk dwar l-ostakli amministrattivi (tassazzjoni, skema tal-viża) u l-kapaċitajiet limitati tal-livelli lokali u reġjonali biex jaġhżlu u jiżviluppaw proġetti ta' kwalità;

23. huwa tal-fehma li l-iskeda għar-riforma imminenti tal-livelli amministrattivi lokali u reġjonali għandha titlesta bi skambju kontinwu ta' esperjenzi sabiex jiġu adottati l-aħjar prattiki tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri tal-UE. Jeħtieġ li jiżiedu l-kuntatti bil-għan li jkun hemm trasferiment tal-għarfien permezz ta' forum speċifiċi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali: ġemellaġġi bejn istituzzjonijiet jew komunitajiet, tagħlim, żjarat ta' studju, parteċipazzjoni mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Moldova fl-assembleji tar-rappreżentanti tal-komunitajiet territorjali tal-UE, bħala membri jew osservaturi. Għalkemm attivitajiet ta' dan it-tip ma tantx ilhom li saru, fuq bażi ad hoc, hemm bżonn li jiġu sistematizzati permezz ta' programm vast ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u ta' assimilazzjoni tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. B'mod parallel, tajjeb li titfahhar l-inizjattiva li jnholoq ftehim qafas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Moldova u dawk tal-Istati Membri tal-UE, ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ġdid ta' assoċjazzjoni;

24. iħeġġeġ in-negożjati u l-konklużjoni ta' protokoll ta' ftehim bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali (Kummissjoni Ewropea) u l-awtorità responsabbli mill-politika għall-iżvilupp reġjonali fir-Repubblika tal-Moldova (Ministeru għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali) bil-għan li jiġi promoss id-djalogu fuq il-politika reġjonali u l-kooperazzjoni reġjonali (fil-kuntest tas-Shubbija tal-Lvant) u jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi fil-qasam tal-iżvilupp reġjonali fil-livell nazzjonali u reġjonali;

25. iħeġġeġ il-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet istituzzjonali kif ukoll l-iżvilupp ta' programm ta' ġemellaġġ istituzzjonali bejn l-aġenziji tal-iżvilupp reġjonali li nħolqu reċentement fir-Repubblika tal-Moldova u aġenziji simili fl-UE kif ukoll fi ħdan strutturi mhux governattivi (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aġenziji tal-Iżvilupp Reġjonali – EURADA) u assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħall-kongress tas-setgħat lokali CALM

(Kongress tal-Awtoritajiet Lokali tal-Moldova) li nholq dan l-aħħar. Il-KtR jissuġġerixxi li tiġi studjata l-possibbiltà li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Repubblika tal-Moldova jingħataw l-istatut ta' osservatur fi ħdan diversi istituzzjonijiet Ewropej ikkonċernati mill-politika reġjonali (Kumitat tar-Reġjuni, Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew).

Brussell, 6 ta' Ottubru 2010.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Mercedes BRESSO
